DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/575

tat-12 ta' April 2018

li taħtar membru supplenti, propost minn Malta, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern ta' Malta,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Jannar 2015, fil-5 ta' Frar 2015 u fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 ([1]), (UE) 2015/190 ([2]) u (UE) 2015/994 ([3]) li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020. Nhar l-10 ta' Novembru 2015, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2029 ([4]), is-Sur Anthony MIFSUD ġie sostitwit mis-Sinjura Graziella GALEA bħala membru supplenti.

(2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni u abbażi ta' dan is-Sinjura Graziella GALEA *(Mayor, Saint Paul's Bay Local Council)* ġiet proposta.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Hija b'dan maħtura membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2020:

— Is-Sinjura Graziella GALEA, *Councillor, Saint Paul's Bay Local Council* (bidla fil-ħatra).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-12 ta' April 2018.

Għall-Kunsill
Il-President
T. DONCHEV

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/116 tas-26 ta' Jannar 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 20, 27.1.2015, p. 42).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/190 tal-5 ta' Frar 2015 li taħtar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 31, 7.2.2015, p. 25).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/994 tat-23 ta' Ġunju 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 159, 25.6.2015, p. 70).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2029 tal-10 ta' Novembru 2015 li taħtar membru wieħed Malti u żewġ membri supplenti Maltin fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 297, 13.11.2015, p. 8).